MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 789/2013

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**vs**

**Gil Marc Schnabelin**
**(detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 35533 (A))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-14 t’Awwissu, 2013, li permezz tieghu d-Direttur Generali rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2008/55/KE tas-26 ta’ Mejju, 2008, riferita fir-rikors promotur fuq riferit tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri tal-Komunita` Ewropea rigward irkupru ta’ taxxi u/jew dazju dovut minn debituri ta’ Stat Membru;

1.2 Illi d-Direttiva indikata fil-paragrafu precedenti giet trasposta fil-Ligi ta’ Malta permezz tal-Avviz Legali Numru 153 tas-sena 2012, li gie meqjus li dahal fis-sehh fl-1 ta’ Jannar tal-2012;

1.3 Illi tali legislazzjoni tippermetti lid-Direttur Generali rikorrenti biex, f’isem il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, jigbor taxxa dovuta f’isem Stati Membri ohra meta d-debitur ikun jinsab Malta;

1.4 Illi l-awtorita` kompetenti tal-Germanja ghamlet talba ghall-assistenza lir-rikorrenti *ai termini* tal-imsemmija Direttiva fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1)), aktar qabel, biex jirkupra taxxa dovuta lill-istess awtorita`;

1.5 Illi l-intimat *de quo* ghandu jaghti l-ammont ta’ tnax –il elf, tlett mija, sitta u erbghin Ewro u disa’ u tletin centezmu, (€12,346.39), oltre l-interessi skont l-Atti dwar it-Taxxa riferiti fl-istess rikors promotur, (ara fol 1);

1.6 Illi hu indikat li l-imsemmi intimat jinsab Malta u ghalhekk ir-rikorrenti qed jipprocedi biex jirkupra l-ammont fuq riferit fil-paragrafu precedenti, stante li dan l-ammont jitqies daqslikieku kien dovut lill-gvern ta’ Malta;

1.7 Illi gew imharsa r-rekwiziti kollha inkluzi fl-imsemmija Direttiva;

1.8 Ghaldaqstant ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti biex:

1.8.1 Tordna li kopja ta’ dan ir-rikors, flimkien mad-dokumenti annesi, jigu notifikati lill-intimat;

1.8.2 Tordna r-registrazzjoni tad-Dokument ‘A’ bhala kopja ufficjali biex l-istess dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

2. Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors promotur;

3. Tirrileva li l-intimat fuq riferit, fuq l-ordni appozita ta' din il-qorti, gie debitament notifikat skont il-ligi, kif jirrizulta mir-riferta a fol 30;

4.0 Illi sodisfatta bis-suespost u wara li rat id-Direttiva in dizamina fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1)), aktar qabel, tqis li d-Direttur Generali rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

4.1 Tordna r-registrazzjoni tad-Dokument 'A' bhala kopja ufficjali biex l-istess dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv;

4.2 Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat Gil Marc Schnabelin.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------